Nixtieq li nkun ta' min jafda fija billi dejjem ngħid is-sewwa u nżomm kelmti, u fl-istess ħin li nkun mara biżżejjed li meta jkolli t-tort nammettih u nitlob maħfra, u meta jkolli raġun ma noqgħodx niftaħar. Irrid ukoll li ma nibżax nitkellem fejn jeħtieġ, u nagħraf meta hu aħjar li nibqa' siekta. Irrid ikolli kuraġġ li niġġieled kontra l-ħażin, u li nobgħod il-ħażen, mhux in-nies li jagħmluh. Irrid ukoll li jkolli qlubija li ma naċċettax il-moralità tal-poplu, li ssib skuża għal kull ħażen li jsir. U rrid li nagħmel l-aħjar li nista' minn ħajti, u li nagħmel minn kollox biex jirbaħ it-tajjeb tad-dinja.

Naf li dawn l-idejali ma nistax inwettaqhom kollha. Ħafna huma li jgħidu li hu taċ-ċajt li bniedem jipprova jfassal ħajtu fuq pjan li qatt ma jista' jilħaq. Imma jien nemmen li dawn l-idejali huma bħal kewkbet is-safar. L-ebda dgħajsa ma tilħaqha, iżda l-baħrin jinqdew biha biex jaraw fejn sejrin. Għalhekk, għalkemm qatt ma nista' nwettaq daq kollu li għidt, xorta għandi bżonnu, għax bih, bil-mod, jien nemmen li nistgħu nibnu dinja ġdida ta' imħabba u paċi.

---

# Dahar ta' Bagħal

J. J. Camilleri

Misserijietna tkagħwġu biex tellgħu ħaġar qim;
Fl-Eġittu l-burdnara tqanżħu
Biex għollew piramidi;
Taħt salibu mqit
Għal tliet darbiet Kristu nstelaħ;
Mgħawweġ bħal għerq niexef,
Għax għal għomru sħiħ
Ġarrhom fuq dahru 'l martu u lil uliedu;
Fil-belt geddumu fl-art
Inaddaf iż-żraben;
Għaxar bsaten jintraktu
Taħt vara tqila tal-injam;
Il-mudullun tas-sinsla jnixxi
Donnu meraq
Minn zokk ta' ponsjetta mqaċċat.

# L-ILSIEN MALTI F'LOURDES

mill-

PROF. ĠUŻE' GALEA

Hawn nies li jagħmlu l-ġid bla ma jidhru; huma jkunu mqanqlin minn sentimenti ta' ħniena u ta' mogħdrija, ta' ħaqq u tas-sewwa. L-għemil tagħhom hu minn rajhom, mhux għax iħajjarhom xi ħadd, u wisq anqas għal skop ta' gwadan. Nies bħal dawn jistħoqqilhom kull ġieħ, u huma ta' min ifaħħarhom għax it-tifkira tagħhom tiswa bħala xempju ta' qalb ġeneruża u tħajjar lill-oħrajn għall-ħidma ta' fejda.

Ħafna drabi nies bħal dawn jisfaw ta' ġid f'oqsma tal-ħajja li wieħed qatt ma kien jobsor; bħalma ġara mill-ħidma tas- sur Ġużeppi Galea, magħruf bħala s-sur Ġużè ta' Lourdes, li daħħal l-ilsien Malti fiċ-ċerimonji internazzjonali li jsiru kuljum fis-santwarju tal-Madonna ta' Lourdes, u għalhekk għollieh f'qagħda ma' l-aqwa ilsna barranin.

Is-sur Ġużeppi Galea qabel miet ftit tax-xhur ilu, kien ilu madwar tletin sena jorganiżża pellegrinaġġi tal-morda Maltin għas-santwarju ta' Lourdes. Hu kien jagħmel hekk mhux għall-gwadan, imma minħabba d-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna u l-ispirtu ta' karità lejn il-morda. Kull sena hu kien imidd għonqu għal xogħol iebes, taħbit bla tarf u tisfiq il-wiċċ biex jieħu l-morda u l-immankati f'Lourdes. Pellegrinaġġi ta' devozzjoni għal Lourdes kien ilhom isiru s-snin, imma s-sur Galea għandu l-mertu li hu kien l-ewwel wieħed li beda jorganiżża pellegrinaġġi tal-morda, u għalhekk biss ħaqqu kull tifħir.

Imma il-mawra ta' kull sena lis-sur Galea għamlitu ħabib ma' l-awtoritajiet tas-santwarju u hu nqeda b'dik il-ħbiberija biex idaħħal l-ilsien Malti fid-devozzjonijiet li jsiru hemm ħalli l-morda Maltin bħall-pellegrini ta' nazzjonijiet oħra, ikunu jistgħu jiftħu qalbhom aktar bil-ħrara fit-talb tagħhom lill-Madonna.

Għax kuljum wara nofs in-nhar, qabel ma jidlam, morda u m'humiex, meta jkunu qalb il-ħdura u l-qdusija ta' Lourdes iħossu fawra ta' mħabba u ta' qima lejn il-Madonna, qalbhom tħeġġeġ bi ħrara lejn dik l-Omm l-aktar għażiża u jimtlew bit-tama tal-barka tagħha; għalhekk mqanqlin minn sentimenti tassew ħarkiena huma jinvokaw il-ħniena tagħha u jitolbuha l-grazzi li jkollhom bżonn.

Dak it-talb ħiereġ tassew mill-qalb, jissejjaħ invokazzjonijiet, u kulħadd igħidu bil-lingwa tiegħu. Ma hemmx ħaġa li tqanqal aktar ir-ruħ mid-dehra ta' eluf ta' nies, miġburin f'ġemgħat nazzjonali, kollha flimkien itennu l-invokazzjonijiet tagħhom b'ilsna differenti. Dari l-